# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
# Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

**Marka**

## EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2015/2016

**Livelli 5 sa 8**

**IS-SEBA' SENA** | **L-ISTORJA** | **IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ___________

1**. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1.1 Qiegħed dawn id-dati fuq 'it-timeline'.

| | | |
|---|---|---|
| 600 Q.K. | 1900 W.K | 100 Q.K. |
| 2015 W.K. | 17000 Q.K. | 870 W.K |




1.2 Xi jfissru dawn.

A.D. ________________________________________________

W.K. ________________________________________________

B.C. ________________________________________________

Q.K. ______________________________________________ (4)

(Total: 10 marki)

2. **Qiegħed dawn il-kliem wara xulxin skont kif ġraw fl-istorja.**

Il-bini tat-tempji | Jaslu l-ewwel nies f'Malta | Għar Dalam

It-twelid ta' Ġesu | Il-wasla ta' San Pawl

1. ____________________________________________

2. ____________________________________________

3. ____________________________________________

4. ____________________________________________

5. ____________________________________________

(Total: 5 marki)

**3. Ikteb jekk dawn is-sentenzi humiex Veru jew Falz.**

3.1 L-ewwel Malti li ġew minn Sqallija ġabu għodda tal-metall. ______________

3.2 L-Arkeoloġist ifittex kemm fuq l-art kif ukoll taħt il-baħar. ______________

3.3 Mil-Preistorja nsibu ħafna kitba li titfa' dawl fuq dak iż-żmien. ______________

3.4 Fl-Ipoġew insibu tpenġija msejħa s-Siġra tal-Ħajja. ______________

3.5 L-Ipoġew tħaffer b'għodda tal-Bronż fi żmien Borġ in-Nadur. ______________

(Total: 5 marki)

**4. Aqra sew is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet**



Għadu kemm instab bastiment ta' żmien il-Feniċi. Hu maħsub li dan imur lura madwar 2700 sena ilu. Dan ifisser li hu l-eqdem nawfraġju li qatt instab fil-Mediterran. Din is-sejba saret f'qiegħ il-baħar madwar mil il-barra minn Għawdex. Fost il-fdalijiet instabu 50 ġarra tal-fuħħar.

4.1 Min kienu l-Feniċi? ______________________________(2)

4.2 Minn liema art kienu ġejjin? ______________________________(1)

4.3 Għaliex dawn in-nies kienu baħħara? ______________________________

______________________________________________(2)

4.4 X'jissejħu n-nies li jagħmlu dawn is-sejbiet? Agħżel waħda billi tagħmel linja taħtha.

(*Arkeologu,* *Xjentisti,* *Għalliema*) (1)

4.5 X'informazzjoni tista' tagħtina sejba bħal din?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

(Total: 8 marki)

5. **<u>Ħares sew lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.</u>**

Sors A : Tempju



Sors B: Tempju bit-tinda fuqu



Sors C: L-Ipoġew



5.1 X'differenza hemm bejn it-tempju f'sors A u l-Ipoġew f'sors C?

______________________________________________________________________(2)

5.2 Sors A turi tempju. Agħti l-isem ta' 2 tempji oħra bħalu. ________________________(2)

5.3 Kif kienu jintużaw it-tempji? ________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

5.4 Għaliex it-tempju ta' Sors B għamlulu tinda fuqu?

______________________________________________________________________(1)

5.5 X'qed isir biex nipproteġu l-Ipoġew ta' sors C?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

(Total: 10 marki)

**6. Ikteb sentenzi dwar dan il-kliem.**

6.1 Il-kaċċa fil-Preistorja____________________________________________

______________________________________________________________(2)

6.2 Fdalijiet ta' nies mill-Preistorja.__________________________________

______________________________________________________________(2)

6.3 Skorba __________________________________________________

______________________________________________________________(2)

6.4 Sejbiet Arkeoloġiċi_____________________________________________

______________________________________________________________(2)

6.5 Xogħol in-nisa fil-Preistorja. ____________________________________

______________________________________________________________(2)

(Total: 10 marki)

7. **Wieġeb il-mistoqsijiet dwar l-Eġittu.**

**7.1 Qabbel lista A ma' lista B Numru 3 hi lesta bħala eżempju.**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | Piramidi | 3 | Ġebla b'kitba fuqha. |
| 2 | Sphinx | | Is-sultan tal-Eġittu. |
| 3 | Rosetta Stone | | Pjanta li minnha għamlu l-ewwel karta. |
| 4 | Xmara Nil | | Allat tal-qedem. |
| 5 | Farawni | | Fejn instab il-qabar ta' Tutankhamun. |
| 6 | Hieroglyphs | | Bini enormi għad-difna tal-Farawni. |
| 7 | Papiru | | Il-kitba tal-Eġittu tal-qedem. |
| 8 | Horus u Amun | | L-aħħar farawni mara tal-Eġittu. |
| 9 | Tutankhamun | | Iljun b'wiċċ ta' farawni. |
| 10 | Valley of the Kings | | Farawni li miet żagħżugħ. |
| 11 | Cleopatra | | Minnha jsaqqu u jixorbu. |

(Total: 10 marki)

8. **Ħares lejn is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet**



8.1 Is-sors juri qabar. Min kien li użah?

______________________________________(1)

8.2 Għid x'kien jindifen miegħu? __________________

______________________________________(2)

8.3 X'jismu l-post fejn instab dan il-qabar?

______________________________________(2)

8.4 Min kien Tutankhamun? ____________________(2)

(Total: 7 marki)

**9. Qabbel l-istampa mal-perjodu. Tista' tużhom iktar minn darba.**

Preistorja Ewropeja , Eġittu tal-qedem, Feniċi , Preistorja Maltija.








9.1______________________(1) 9.2____________________(1) 9.3________________(1)





9.4__________________________(1) 9.5___________________________(1)

9.6 **Ikteb sentenza fuq kull waħda.**

9.6.1__________________________________________________________________ (1)

9.6.2__________________________________________________________________(1)

9.6.3__________________________________________________________________(1)

9.6.4__________________________________________________________________(1)

9.6.5__________________________________________________________________(1)

(Total:10 marki)

**10.Agħżel tnejn mil-lista u pinġihom fil-kaxxi ta' taħt. Wara li tpenġijhom ikteb paragrafu dwar l-oġġett li penġejt**.

Il-Mara l-Ħoxna, Murex Trunculus, Dolmen u Menhir,

Piramida Eġizzjana, Tpinġija tal-Preistorja

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(5)

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(5)

(Total: 10 marki)

11. **Agħżel waħda mill-lista u ikteb fit-tul dwarha.** (15-il marka)

11.1 Immaġina li kont tifel jew tifla fil-Preistorja. Ikteb dwar il-ħajja tiegħek ta'kuljum.

11.2 Is-sejbiet ta' fdalijiet tal-Arkeoloġija.

11.3 It-tbaħħir u l-kummerċ tal-Feniċi.